MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 56

11 ta' Lulju 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 56 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 2.4.2. **(Ref: S/4/2/Vol III)** u talab li din tiġi emendata biex tinqara hekk:

*"2.4.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-finali tas-Snooker saret fis-7 ta' Ġunju 2011 fiċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa. Ir-rebbieħ kien Charles Fenech. Kompla jgħid li dawn il-kompetizzjonijiet inqanqlu entużjażmu kbir fost il-kompetituri. Huwa lmenta dwar l-assenza tal-kunsillieri kollha għal din l-okkażjoni. Is-Sur H. Fenech qal li din kienet notevoli partikularment fil-każ tal-kunsillieri tal-Partit Laburista.".*

1.2. Is-Sindku R. Cutajar aċċenna għall-minuti 11.3. u 11.8. **(Ref: T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"11.3. Is-Sur R. Cutajar qal li wara l-laqgħa pubblika tal-4 ta' Ġunju sar kuntatt mal-Arriva Malta Ltd bil-għan li jirrevedu l-posizzjoni tagħhom li jgħaddu r-rotot ewlenin minn Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw 'il barra mill-Mellieħa. Dawn wieġbu permezz ta' e-mail datat 13 ta' Ġunju 2010 fejn fakkru kif żvolġew l-affarijiet f'dawk li huma r-rotot il-ġodda fil-Mellieħa. Intqal ukoll li Arriva kkunsidraw it-talba tal-Kunsill li ma jgħaddux karozzi tal-linja minn Triq Ġnien Ingraw u Triq is-Santwarju u aċċettaw li jeliminaw dawn it-toroq billi jużaw Triq Ġorġ Borg Oliver għat-telgħa fil-każ tar-rotot ewlenin 11 u 41. Jemmnu li ser joħloq konfużjoni fost in-nies jekk jingħata servizz li nofsu jgħaddi miċ-ċentru tal-Mellieħa u n-nofs l-ieħor jgħaddi mill-periferija. Apparti dan, ser ikun diffiċli f'dan l-istadju li jsir hekk billi dan jitlob tibdil fil-feeder lines ukoll. Għaldaqstant għalissa l-feeder lines 101 u 102 li ser jitħaddmu permezz ta' karozzi twal 9 metri, ser ikollhom jgħaddu minn Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw, bi frekwenza ta' tnejn kull siegħa u waħda kull siegħa, rispettivament. Minkejja dan, Arriva wiegħdu illi wara li jkun ġie segwit l-andament tas-servizz f'Ottubru 2011, huma ser ikomplu jistudjaw il-proposti tal-Kunsill li huma mqassma fuq tliet binarji:*

- *Li Triq Ġorġ Borg Olivier issir one-way 'l isfel;*
- *Li jitneħħew is-servizzi tar-rotot ewlenin kollha minn Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw; u*

- *Jitjieb is-servizz fuq il-Feeder Line 131 – Selmun / Santa Marija Estate / Mellieħa Height:".*

*"11.8. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta wkoll li t-tibdil fid-direzzjoni tal-one-ways fi Triq it-Tramuntana u Triq il-Mitħna l-Ġdida, kienu biss proposti li tpoġġew għad-diskussjoni, li jistgħu jitwarrbu jekk jirriżulta li m'humiex vijabbli. Min-naħa l-oħra jemmen Triq Mons. Indri Fenech u Triq il-Wied għandhom isiru one-ways, filwaqt li Triq Ġnien Ingraw tkun one-way biss fil-parti bejn Triq San Luqa u Triq il-Wied. Billi issa huwa magħruf li r-rotot ewlenin mhux ser jgħaddu minn Triq is-Santwarju, din tista' tibqa' two-way. Is-Sur R. Cutajar għarraf li għamel kuntatti sabiex jistħarreġ il-possibilta` li jsiru traffic counts. Irriżulta li dawn huma possibbli bl-użu ta' apparat elettroniku, kif ukoll permezz ta' persuni li jgħoddu t-tip ta' vetturi li jgħaddu minn postijiet indikati. Il-Kunsill qabel mal-proposta. Kompla jgħid li ntalbet stima sabiex jinkiseb dan it-tagħrif. Huwa qal li f'dan l-istadju tista' tittieħed deċiżjoni dwar Triq Ġnien Ingraw, Triq is-Santwarju u Triq Mons. Indri Fenech.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 55 u għalhekk dawn ġew iffirmati bl-emendi mressqa. Approva wkoll li dan id-dokument jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Infieq fuq il-Mellieħa *EDEN Conference* (T/12/2)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li mar lura fuq il-minuti tas-Seduta Nru. 50 fejn ġie trattat dan is-suġġett. Dakinhar huwa kien aċċenna dwar il-ħtieġa li jitqabbdu numru ta' *ushers* li s-servizzi tagħhom jridu jingħataw bi ħlas billi kien jirrekjedilhom jieħdu l-*leave* mix-xogħol normali tagħhom. Is-Sur R. Cutajar qal li kien issuġġerixxa li dawn jitħallsu permezz ta' *vouchers* bl-istess mod kif isir fil-każ tal-*helpers* involuti f'Avventura Sajf. Dwar xi ħlas ieħor li seta kien hemm referenza għalih, is-Sindku fakkar li kull nefqa li saret għall-konferenza saret dejjem fil-parametri stabbiliti fir-Regolamenti Finanzjarji. Kompla jgħid li wieħed għandu jifhem li f'konferenza jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn wieħed irid jieħu deċiżjonijiet li jinvolvu nfieq anke fl-aħħar ħin. Sakemm ikun hemm ġustifikazzjoni għalihom u ma jkunx hemm ksur tal-istess regolamenti, ma jkun hemm xejn ħażin.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-Sovrintendenza tal-Wirt Storiku approvat l-interventi koperti bis-sitt applikazzjonijiet li saru mal-MEPA b'rabta mal-proġett imsemmi.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol III)

2.3.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fid-9 ta' Lulju 2011 waqt laqgħa msejħa mill-Aġenzija Żgħażagħ f'Casa Leoni f'Santa Venera, tħabbru l-proġett mressqa mill-Kunsilli Lokali Żgħażagħ li applikaw għall-finanzjament mill-istess aġenzija. Huwa qal li minkejja illi l-proġett tal-Mellieħa ġab punteġġ sostanzjali, ma kienx fost dawn magħżula. Intqal ukoll li fi ftit taż-żmien ieħor ser issir sejħa oħra.

2.3.3. Is-Sur H. Fenech qal ukoll li fl-istess laqgħa tnediet it-tielet edizzjoni tal-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ li qed jitwettaq bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Dan għandu l-għan li jagħti l-opportunita` liż-żgħażagħ li jkollhom bejn erbatax u tmintax-il sena sabiex jieħdu sehem fil-djalogu strutturat li permezz tiegħu jiddiskutu suġġetti ta' importanza għal-lokalita` rispettiva tagħhom.

2.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-għażla tal-membri tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ għandhom tkun fuq l-ikbar firxa ta' żgħażagħ possibbli u għalhekk ikun tajjeb li tingħata pubbliċita` lil din l-inizjattiva.

2.3.5. Il-Kunsillier H. Fenech qal li l-enfasi sar fuq l-iskejjel fejn sar kuntatt mal-istudenti mis-Ms Josette Camilleri mill-Aġenzija Żgħażagħ.

2.3.6. Is-Sindku fakkar li din l-inizjattiva kienet ġiet imnedija waqt l-attivitajiet ta' Milied Mellieħi 2010. Dan awtomatikament fisser pubbliċita` qawwija biex iż-żgħażagħ Melleħin jiġu mħeġġa jieħdu sehem.

2.3.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li ddeċieda li għandu jkompli jieħu sehem f'dawn it-tip ta' proġetti. Kien hemm qbil ukoll li l-korrispondenza illi jkun hemm fuq dan is-suġġett għandha tiġi mgħoddija lill-kunsillieri kollha.

### 2.4.1. Parteċipazzjoni fil-*Car Free Day* (A/4/5/Vol II)

2.4.2. Is-Sindku rrefera rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal *e-mail* datat 13 ta' Ġunju 2011, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsilli Lokali ġew mitluba sabiex iressqu inizjattivi li beħsiebhom jieħdu sabiex ifakkru dan il-jum nhar il-Ħadd it-18 ta' Settembru 2011. Huwa qal li ġew imressqu numru ta' proposti li jinkludu attivitajiet sportivi fit-toroq ewlenin u f'ġonna pubbliċi, bħalma huma Ġnien il-Qigħan u Ġnien tas-Salib. Is-sidien tal-ħwienet ser jiġu mħajra jifthu għan-negozju, filwaqt li qed jiġi propost ukoll li l-għaqdiet tal-Mellieħa jiġu mħajra jieħdu sehem.

2.4.3. Filwaqt li l-Kunsill qabel mal-proposti mressqa, inġibdet l-attenzjoni li dawn l-attivitajiet ser jaffettwaw ir-rotot tal-karozzi tal-linja.

### 2.5.1. Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 (N/1/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti, dwar stedina li saret għal konferenza bit-tema "Immaġina 18" li ser isseħħ fl-20 u l-21 ta' Ġunju 2011 wara li sar magħruf li l-Kummissjoni Ewropea aċċettat in-nomina ta' Malta u belt fl-Olanda bħala "Il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018.

2.5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa ma setax jattendi għall-konferenza msemmija.

2.5.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jinkisbu l-minuti tal-konferenza.

### 2.6.1. Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

2.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti dwar il-festa msemmija, li saret fit-28 ta' Ġunju f'Misraħ il-Parroċċa bil-bandu jitlaq minn Triq il-Kbira u niżel Triq Ġorġ Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella u ntemm f'Misraħ il-Parroċċa. Huwa qal li kien hemm attendenza tajba.

2.6.3. Il-Kunsillier H. Fenech ikkummenta li f'edizzjonijiet preċedenti, il-konkorrenza f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Gwanni Pawlu II kienet aħjar.

2.6.4. Is-Sur R. Cutajar wieġeb li bil-mod kif saret din is-sena, it-toroq ewlenin, kif ukoll Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, ġew inklużi, għalkemm il-ħuġġieġa ma nxtelgħitx fl-istess misraħ. Huwa fakkar li l-post fejn l-attivita` kellha tilħaq il-qofol tagħha ġie suġġerit mill-istess għaqdiet li jieħdu sehem.

### 2.7.1. Asfaltar ta' Toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed issir pressjoni fuq il-kuntrattur involut fir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier sabiex jikkonkludi dan il-proġett qabel jidħol aktar is-sajf. Minn tagħrif mogħti mill-istess kuntrattur, huwa stmat li dawn jintemmu fis-19 ta' Lulju 2011.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. AvventuraSajf 2011 (E/3/4/Vol VIII)

2.8.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 14.1. u għarraf li 132 tfal applikaw biex jattendu għall-kamp tas-sajf AvventuraSajf 2011. Huwa qal li dan kien l-akbar numru li qatt attendew minn kemm ilha tittieħed din l-inizjattiva. Huwa kompla jgħid li ser ikun hemm aktar vigilanza fuq it-tfal, billi ser ikun hemm għalliem mgħejjun minn żewġ *helpers* f'kull klassi, filwaqt li t-tfal tqassmu f'sitt klassijiet bl-akbar waħda fiha tletin tifel u tifla.

2.8.3. Is-Sindku ppropona li jkun hemm għalliema addizzjonali li tidħol minflok xi ħadd li jkun nieqes jew tgħin skont il-ħtieġa. Is-Sur R. Cutajar qajjem il-kwistjoni dwar it-tfal li jingħataw is-servizz ta' *Learning Support Assistant (LSA).* Huwa saħaq li l-Kunsill għandu jara sewwa jekk hemmx każi ta' tfal li għandhom bżonn dan it-tip ta' superviżjoni, liema każi ma ġewx indikati lill-Kunsill mill-ġenituri.

2.8.4. Il-Kunsill qabel maż-żieda ta' għalliem / student universitarju ieħor. Kien hemm qbil ukoll li tfal illi jeħtieġu s-servizz ta' *LSA* m'għandhomx jiġu aċċettati, sakemm il-każ ikun magħruf minn qabel. Wieħed jifhem li mhux etikament korrett li l-impjegati tal-Kunsill jagħmlu mistoqsijiet verbali lill-ġenituri fuq dan is-suġġett. Għalhekk dan it-tip ta' tagħrif dwar l-applikanti għandu jintalab fuq il-formola tal-applikazzjoni.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 07/07/11
- Skeda ta' Pagamenti – 09/06/11 – 01/07/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti ta' laqgħa pubblika dwar Arranġamenti Ġodda tat-Traffiku u r-Riforma fis-Servizz tal-Karozzi tal-Linja – 04/06/11
- Rapport dwar Intervisti mill-Bord tal-Għażla għall-Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 – 11/06/11

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Ċensiment dwar il-Popolazzjoni u d-Djar (I/1/2/Vol VIII)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* datat 20 ta' Ġunju 2011 fejn l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika għarraf li għaddejjin tħejjijiet sabiex aktar tard fl-2011 isir iċ-ċensiment imsemmi. Il-Kunsill ġie mistieden bil-għan li jressaq il-proposti li jista' għandu u wara ssir laqgħa miegħu sabiex dawn jiġu diskussi fid-dettal.

4.1.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li ċ-ċensiment għandu jieħu in konsiderazzjoni statistika dwar varjazzjonijiet staġjonali fin-numru ta' residenti fil-lokalita`. Din possibilment tkun imqassma skont iż-żoni li normalment huma assoċjati mal-vileġġjatura, bħalma huma Tas-Sellum, Ta' Gerbulin, Ghadira Caravan Site, Ramlet il-Qortin, Ramla tat-Torri l-Abjad; Little Armier etc.

4.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta billi tagħrif ta' din ix-xorta għandu jgħin lill-Kunsill jippjana s-servizzi tiegħu.

### 4.2.1. Taħriġ dwar l-użu tas-Servizzi tal-*e-Government* (E/3/1/9/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 27 ta' Ġunju 2011, mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) flimkien mal-*Malta Communication Authority,* fejn għarrfu li ser tingħata l-opportunita` liċ-ċittadin f'kull lokalita` dwar l-uzu tas-servizzi *e-Government*. Dan it-taħriġ se jibda jsir minn Settembru 2011 u jibqa' sejjer sa' Lulju 2013. Se jingħata manwal lill kull min jattendi għal-kors mifrux fuq ħames sessjonijiet ta' sagħtejn-il wahda. L-applikazzjonijiet min-naħa tal-Kunsilli Lokali għandhom jaslu sat- 22 ta' Lulju 2011 li mistennija li jagħtu pubbliċita` lil din l-opportunita`, kif ukoll jassistu fir-reġistrazzjoni taċ-ċittadini sabiex ikunu jistgħu jattendu it-taħriġ. L-ispiza tal-għalliema u l-manwal se jkunu qed jithallsu mill-AKL.

4.2.3. Il-qabel li għandu jagħti s-sehem tiegħu f'din l-inizjattiva.

### 4.3.1. Devoluzzjoni tad-Dwal tat-Toroq (E/1/2/Vol V)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għal Ċirkulari AKL 47/2011 datata 5 ta' Lulju 2011, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn għarrfu li wara diskussjonijiet bejn l-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Chris Said, il-Gvern huwa deċiż li r-responsabilita` tad-dawl tat-toroq għandha tgħaddi f'idejn il-Kumitati Reġjonali. Għal dan il-għan, se jinbeda proċess sabiex jitfassal ftehim ġdid li jkun iffirmat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Reġjonali. L-Assoċjazzjoni tkompli tgħid fiċ-ċirkolari li filwaqt illi tifhem li hemm numru kbir ta' Kunsilli Lokali li wettqu din ir-responsabilita` bl-aqwa servizz jingħata lir-residenti, id-deċizjoni tal-Ġvern hija waħda finali u ghaldaqstant ser tipproċedi sabiex it-trasferiment isir skond ftehim li jrid jintlaħaq mal-Presidenti tal-Kumitati Regjonali.

4.3.3. Sakemm isiru l-arranġamenti mehtiega d-delega attwali se tibqa' fis-seħħ u l-Kunsilli Lokali huma mitluba jibqgħu joffru dan is-servizz fil-lokalitajiet tagħhom.

4.3.4. Ġiet espressa l-fehma li meta jinqata' il-kuntatt dirett bejn il-kuntrattur u l-Kunsill tonqos l-effiċjenza fit-trattament tar-rapporti li jidħlu mill-pubbliku. Il-piż ta' sitwazzjoni bħal din jerfgħu l-Kunsill għaliex f'għajnejn in-nies jidher l-istess Kunsill mhux il-Kumitat Reġjonali.

4.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li possibilment għandha tinġieb kopja tal-ftehim u tintbagħat ittra lis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

## 4.4.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datata 11 ta' Lulju 2011, mibgħut mill-kumpanija eConsulenza Europrogettazione e Comunicazione f'isem il-Comune di Casalborgone f'Turin l-Italja, fejn fakkru li l-ewwel konferenza taħt il-proġett imsemmi ser isseħħ f'Casalborgone bejn is-17 u d-19 ta' Settembru 2011. Filwaqt li ngħata kopja tal-programm, il-Kunsill ġie mistieden jibgħat sa ħmistax-il delegat għaliha li ser ikollhom l-ikel u l-akkomodazzjoni mħallsa għal tliet ijiem. L-organizzaturi ser ikopru 50% tal-ispejjeż tal-biljetti tal-ajru (*low cost*) Malta/Milan/Malta, ossija sa massimu ta' €60 għal 15-il persuna li jammontaw €900, kemm-il darba d-delegazzjoni tkun daqs in-nurmu msemmi. Fl-istess *e-mail* intqal ukoll li is-Sindku ta' Casalborgone għandu jibgħat stedina uffiċjali.

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti sabiex jinstabu n-numru ta' persuni ndikat.

## 4.5.1. Proġett ta' Tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għad-*Development Notification Order* mressqa lill-MEPA mill-periti tal-Kunsill M.P. & D.C. Consultants Ltd, li fost interventi oħra tinkludi t-trasferiment tas-siġar tal-Ficus li attwalment jinsabu fil-misraħ imsemmi. Huwa rrefera wkoll għal *e-mail* datat 8 ta' Lulju, mibgħut mid-Dipartiment tal-Agrikoltura fejn qed jingħad li l-istess dipartiment ma jsibx oġġezzjoni li t-tmien siġriet in kwistjoni jiġu trasferiti għal Triq Napuljun Caruana Dingli fuq ir-riħ tal-Iskola Primarja u fuq it-*traffic island* li hemm fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Qasab. Is-Sur R. Cutajar qal li ngħatat attenzjoni sabiex is-siti magħżula jkunu fiż-żona tal-iżvilupp sabiex it-trasferiment ikun aċċettabbli għall-MEPA.

4.5.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi tenna li l-Kunsill m'għandux ikun daqshekk drastiku billi jaqla' siġar li ilhom imħawlin numru kbir ta' snin, tant li saru parti mill-karatteriċi tal-Misraħ.

4.5.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li t-trasferiment tas-siġar m'għandux jintrabat mat-tisbiħ u r-restawr tal-misraħ, għar-raġuni li l-inkonvenjent illi jikkawżaw dawn is-siġar bl-għasafar li jinġabru fihom jista' jiġi kkontrollat bi żbir addattat kif sar f'lokalitajiet oħra. Huwa qal li siġar tal-istess speċi li jikbru ġo Misraħ ir-Repubblika fil-Belt Valletta nżabru bl-istess mod u ma jidhirx li hemm inkonvenjent għaliex taħthom huwa mimli mwejjed u siġġijiet tar-ristoranti u bars li hemm fil-qrib. Kompla jgħid li sa fejn jaf huwa, siġar li jkun ilhom iktar minn ħamsin sena mhux suppost li jinqalgħu.

4.5.5. Is-Sur R. Cutajar qal li ma jagħmilx sens li siġar li qed jikkawżaw inkonvenjenzi bil-ħmieġ tal-għasar u biż-żerriegħa li taqa' minnhom jitħallew hemm, meta ser jitwettaq proġett ta' tisbiħ. Huwa aċċenna wkoll li fejn tkun qed issir ħsara fil-bini u l-infrastruttura, dawn it-tip ta' siġar jitneħħew, kif sar quddiem il-Berġa ta' Kastilja fil-Belt Valletta. Huwa fakkar ukoll li d-Dipartiment tal-Agrikoltura kien kontra li s-siġar jinżabru bil-mod kif propost mis-Sur J. Buttigieg. Kompla jgħid li din il-kwistjoni kienet diġa ġiet diskussa f'seduti preċedenti, meta kien ġie deċiż li għandhom jiġu identifikati siti oħra fil-Mellieħa fejn dawn is-siġar jistgħu jitħawwlu mill-ġdid. Issa kien wasal il-mument li tittieħed deċiżjoni sabiex dan il-proġett jitwettaq, partikularment fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill applika għal fondi mill-Unjoni Ewropea. Filwaqt li wieħed jifhem ir-raġunament tal-Kunsillier J. Buttigieg, la darba il-Kunsill jikseb il-permessi kollha kif titlob il-liġi, allura it-twettieq tal-proġett għandu jitmexxa kif ippjanat.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 7 ta' Lulju 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn id-9 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2011.

6.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg osserva li qed ikun hemm fornituri li jidhru b'mod regolari fuq l-iskeda tax-xiri. Huwa appella sabiex, sa fejn huwa possibbli, ix-xiri jinfirex fuq fornituri oħra li jinsabu fil-lokalita`.

6.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar il-pagament 044-06-11 b'rabta mal-ħarġa organizzata fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Is-Sindku wieġeb li s-soltu l-Kunsill jonfoq somma flus biex tittellgħa attivita`. Din id-darba ma saret ebda attivita` u minflok ġiet organizzata ħarġa lejn il-Limestone Heritage għall-ommijiet, li l-ispejjeż tad-dħul tagħha għamel tajjeb għalihom il-Kunsill. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li kull minn attenda ħallas €15 biex ikopri t-trasport u l-ikel.

6.5. Is-Sindku aċċenna għar-rifużjoni ta' spejjeż li huwa għamel biex attenda l-*European Enterprise Award Ceremony* f'Budapest l-Ungerija bejn it-22 u l-25 ta' Mejju 2011. Huwa qal li €230 ġew sussegwentement rimburżati mill-Unjoni Ewropea.

6.6. Is-Sindku rrefera għall-*item* 021-06-11 u talab li ssir korrezzjoni fl-iskeda tal-pagamenti fis-sens li l-ispiża tas-servizz tal-*park-and-ride* li ġiet organizzata fl-Animal Fest 2011 kienet tammonta €300 mhux €413.

6.7. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskeda li għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid

**"Billi fis-seduta Nru. 48 tal-1 ta' Frar 2010 il-Kunsill kien awtorizza n-negozjar dwar l-akkwist tal-fond Nru. 4, fi Triq il-Madonna ta' Fatima bil-għan li jirrendi l-uffiċċju amministrattiv aktar funzjonabbli u flessibbli għaliex teżisti l-possibilta` li jitniffed mal-uffiċċju attwali f'Nru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida;**

**Billi skont evalwazzjoni li saret mill-Perit Joseph Attard ġie rrakkomandat li x-xiri tal-fond imsemmija hija l-aktar għażla rakkomandabbli, partikularment minħabba li dan imiss mal-uffiċċju eżistenti, u għalhekk jiġu evitati problemi ta' organizzazzjoni;**

**Billi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali awtorizza l-eżenzjoni mill-proċedura stabbilita fir-Regolamenti dwar l-Offerti (Avviż Legali 255 tal-2009) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005), sabiex isiru negozjati direttament mas-sidien tal-istess fond, mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa għall-offerti, minħabba li huwa appoġġjat mal-bini tal-uffiċċju attwali, liema eżenzjoni ingħatat permezz ta' żewġ e-mails datati 15 ta' Marzu u 3 ta' Settembru 2010; u**

**Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2011 u fil-Pjan ta' Ħidma 2011-2013 ġew ivvutati fondi biżżejjed sabiex ikopru dan l-akkwist bil-prezz miftiehem ta' €210,000, flimkien mat-taxxa dovuta fuq it-trasferiment;**

**Il-Kunsill jawtorizza l-iffirmar tal-konvenju u sussegwentement il-kuntratt relattiv, wara li jsiru r-riċerki u jinkisbu l-permessi kollha meħtieġa, inklużi dawk tal-MEPA u tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.". (K/1/2/Vol V)**

7.2. Fil-bidu tad-diskussjoni tal-mozzjoni, Kunsillier H. Fenech talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet familjari, filwaqt li qabel ħareġ stqarr li hu kien qed jaqbel mal-mozzjoni kif imressqa.

7.3. Il-Kunsillier C. Bartolo ikkummenta li f'seduta preċedenti, il-Kunsillier P. Cutajar kien iddikjara li huwa membru fuq il-kumitat tal-Mellieħa Sports Club u għalhekk ma jistax jivvota fuq il-mozzjoni.

7.4. Is-Sindku appella sabiex il-posizzjoni dikjarata tal-Kunsillier H. Fenech tittieħed in konsiderazzjoni.

7.5. Billi l-Kunsillieri J. Azzopardi, C. Bartolo u J. Buttigieg ma laqgħux l-appell tas-Sindku, kien hemm qbil mill-kunsillieri kollha preżenti li l-mozzjoni għandha tiġi differita għas-seduta li jmiss.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier P. Cutajar illi tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 1/2011), skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), sabiex jiġi fornut tagħmir relatat mal-*floodlighting* ta' Triq l-Erwieh and Triq l-Inkurunazzjoni;**

**Billi nkiseb il-kunsens tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex il-floodlights eżistenti jiġu devoluti lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bil-għan li t-tagħmir kopert bis-sejħa msemmija jintuża ħalli titjieb id-distribuzzjoni tad-dwal fl-imsemmija toroq u fuq il-Knisja Parrokkjali u s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa skont disinn tal-Inginiera Galea & Curmi Engineering Consultants;**

**Billi t-Tender Adjudication Board evalwa l-ħames offerti li saru u ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu favur l-għoti tal-kuntratt lill-offerent Mica Med Ltd, skond il-minuti tas-27 ta' Ġunju 2011; u**

**Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2011 ġew ivvutati fondi biżżejjed sabiex ikopru l-provista u l-installazzjoni tat-tagħmir in kwistjoni;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent imsemmi sabiex jiġi fornut it-tagħmir skond l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (P/4/14)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

**9.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier H. Fenech li tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti (2/2011), skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), sabiex isir il-*Landscaping* ta' Art li tinsab bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida;**

**Billi l-proġett, huwa kopert bil-permess tal-Awtorita` Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll ġiet ivvutata s-somma fl-Estimi Finanzjarji għas-sena 2011 sabiex ikun jista' jitwettaq dan il-proġett matul l-istess sena; u**

**Billi t-*Tender Adjudication Board* irrakkomanda li l-kuntratt jingħata lill-uniku offerent -Homeworxs Plus Ltd - bir-rati stipulati fid-dokument ta' l-offerta;**

**Jirriżolvi li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Homeworxs Plus Ltd bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt relattiv.". (K/6/4/1)**

9.2. Is-Sindku qal li l-mira għandha tkun li x-xogħlijiet marbuta ma' dan il-kuntratt għandhom ikunu lesti sad-9 ta' Settembru 2011 bil-għan li l-proġett jiġi nawgurat flimkien ma' dak tal-monument tar-*roundabout* fl-Iljieli Melleħin.

9.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

**10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti (3/2011), skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni u titjib fl-ispazji bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu;**

**Billi dawn ix-xogħlijiet ma' kinux fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2011, iżda kkwalifikaw għal finanzjament taħt l-Iskema Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern mħaddma mill-Awtorita` tad-Djar; u**

**Billi t-*Tender Adjudication Board* irrakkomanda li l-kuntratt jingħata lill-uniku offerent - Homeworxs Plus Ltd - bir-rati stipulati fid-dokument ta' l-offerta;**

**Jirriżolvi li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-uniku offerent - Homeworxs Plus Ltd - bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt relattiv.". (B/7)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Azzopardi.

10.3. Il-Kunsill imbagħad għadda biex jiddiskuti l-parti edukattiva ta' din l-iskema. Tressqet proposta sabiex jiġu kkuntattjati l-assoċjazzjonijiet sportivi Melleħin sabiex joffru bi ħlas is-sħubija għall-sena fid-dixxiplina rispettiva, lit-tfal u żgħażagħ residenti fil-Qasam Ta' Pennellu, liema ħlas ma jaqbeż €175. Kien hemm qbil li jistgħu jsiru tliet taħditiet għar-residenti tal-istess qasam dwar *energy saving*, *nieghbourhood watch* u *parental skills*.

## 11.1. Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2010 (F/1/2/Vol VII)

11.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett ġiet imħollija għas-seduta li jmiss.

## 12.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid:

**"Billi l-Kunsill ilu għaddej għal diversi xhur bi proċess ta' konsultazzjoni li kien jinvolvi: il-komunita` kummerċjali; il-General Retailers` and Traders Union; il-Malta Hotels and Restaurants Association, il-Ministeru responsabbli mit-Trasport, Arriva Malta Ltd u r-residenti tal-lokalita` in ġenerali; u**

**Billi l-Kunsill ikkummissjona survey li nvolva erba' mitt familja, li kien jittratta t-traffiku fost aspetti oħra, kif ukoll saru *traffic counts* fi Triq Ġnien Ingraw u Triq Ġorġ Borg Olivier u toroq oħra;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li Transport Malta għandha tintalab tikkonsidra l-introduzzjoni għal żmien ta' prova fuq perjodu ta' erba' xhur, l-arranġamenti segwenti:**

**(a) jitwaħħlu tabelli qabel ir-roundabout ta' Triq il-Marfa k/m Dawret il-Mellieħa, li permezz tagħhom tingħata ndikazzjoni lis-sewwieqa illi l-*bypass* toffri passaġġ eħfef u aktar mgħaġġel;**

**(b) tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier – li attwalment huma *two-way* – sabiex it-traffiku jkun jista' jinżel biss, ħlief għall-karozzi tal-linja li jkunu jistgħu jinstaqu fiż-żewġ direzzjonijiet. L-istess restrizzjoni tkun effettiva fi Triq il-Kbira bejn Triq Tas-Salib u Triq Sant' Anna, u fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq Sant' Anna u Triq San Publiju. Għandu jinżamm kuntatt kontinwu mal-Ministeru responsabbli mit-Trasport u Arriva Malta Ltd bil-għan li jiġi evitat is-sewqan ta' karozzi tal-linja għat-telgħa fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bil-għan li tonqos il-konġestjoni u t-tniġġiż fl-imsemmija toroq;**

**(c) li ssir *mini-roundabout* fi Triq Ġorġ Borg Olivier li tkun tippermetti aċċess għal Triq Triq Adenau mid-direzzjoni ta' Triq il-Marfa u/jew minn Triq l-Erwieħ;**

**(d) tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* fi Triq Ġnien Ingraw, bejn Triq San Luqa u Triq il-Qalb Imqaddsa, fid-direzzjoni lejn tal-aħħar;**

**(e) tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* fi Triq il-Wied, bejn Triq Ġnien Ingraw u Triq Monsinjur Indri Fenech, fid-direzzjoni lejn tal-aħħar;**

**(f) tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* fi Triq Monsinjur Indri Fenech, bejn Triq il-Wied u Triq Ġnien Ingraw, fid-direzzjoni lejn tal-aħħar;**

**(g) isir titjib fuq il-*junction* ta' Triq il-Marfa k/m Triq l-Erwieħ bil-għan li t-traffiku tielgħa lejn il-Mellieħa, mid-direzzjoni tas-Sellum, jiġu ggwidat lejn Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju eċċ; u**

**(h) jitwaħħlu tabelli u sinjali ta' direzzjoni li jindikaw Misraħ il-Parroċċa bħala parkeġġ alternattiv għall-faċilitajiet eżistenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier, ħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Marfa.". (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)**

12.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li huwa ma jaqbilx mal-paragrafu (b) tal-mozzjoni għar-raġuni li Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw ma jippermettux li jgħaddu r-rotot ewlenin tal-karozzi tal-linja. Huwa qal ukoll li lanqas ma jaqbel mal-paragrafu (g) dwar l-introduzzjoni ta' *mini-roundabout* fin-naħa t'isfel ta' Triq Ġorg Borg Olivier. Is-Sur J. Buttigieg qal li t-tressieq tal-mozzjoni huwa prematur għaliex il-Kunsill għandu jistenna r-riżultat tat-*traffic counts* li saru.

12.3. Il-Kunsillier C. Bartolo rrimarka li huwa jaqbel mal-Kunsillier J. Buttigieg fis-sens li l-mozzjoni ma kelliex titressaq qabel ikun sar magħruf l-eżitu` tat-*traffic counts* li ġew ikkummissjonati mill-istess Kunsill.

12.4. Is-Sindku wieġeb li l-eżitu` tat-*traffic counts* huwa rrelevanti għaliex din id-deċiżjoni mhux ser tkun ibbażata fuqhom, tant li l-arranġamenti proposti fil-mozzjoni ser jingħata żmien ta' prova ta' erba' xhur. B'hekk wieħed ikun jista' jqabbel in-numru ta' vetturi li qed jgħaddu bis-sistema attwali ma' dawk li jirriżultaw meta tibda titħaddem l-iskema.

12.5. Il-Kunsillier C. Bartolo tenna li d-deċiżjoni li tittieħed għandha tkun waħda infurmata u msejsa fuq it-tagħrif kollu possibbli. Kompla jgħid li lanqas wieħed jista' jgħid illi kien hemm konsultazzjoni sħiħa, la mal-MHRA u lanqas mal-GRTU, partikularment dwar l-introduzzjoni ta' *mini-roundabout* fi Triq Ġorġ Borg Olivier, filwaqt li mhux qed jittieħed in konsiderazzjoni li bil-miżuri deskritti fil-mozzjoni ser tinħoloq konfużjoni f'diversi toroq sekondarji. Is-Sur C. Bartolo kkwota artiklu fil-gazzetta *The Times of Malta* tas-6 ta' Lulju 2011, fejn l-Onor. Robert Arrigo lmenta li l-għeluq ta' Triq Bisazza f'Tas-Sliema irriżulta f'konfużjoni fit-toroq sekondarji tal-madwar. Huwa pprotesta li dan it-tip ta' atteġġjament m'huwiex aċċettabbli u għaldaqstat stqarr li ser jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jingħata *ruling*.

12.6. Is-Sindku, filwaqt li ċaħad li ma kienx hemm konsultazzjoni mal-GRTU u l-MHRA, fakkar li wara l-laqgħat li saru magħhom, kien hemm suġġerimenti li ngħataw widen u fil-fatt ġew inklużi fil-mozzjoni. Fakkar ukoll li dwar il-każ ta' Triq Bisazza, il-GRTU qablet mal-arranġamenti tat-traffiku li daħlu fis-seħħ.

12.7. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ppropona emenda għat-tieni paragrafu tal-mozzjoni sabiex tinqara kif ġej:

> *"Billi l-Kunsill ikkummissjona survey li nvolva erba' mitt familja, li kien jittratta t-traffiku fost aspetti oħra;".*

12.8. L-emenda għaddiet bi erba' voti favur u tlieta kontra, wara li ġiet issekondata mis-Sindku R. Cutajar.

12.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg reġa ntervjena billi qal li l-mozzjoni mkien ma ssemmi l-effett li l-arranġamenti nklużi fiha ser ikollhom fuq ir-residenti ta' Triq is-Santwarju u dawk ta' Ġnien Ingraw. Ikkummenta li hija xi ħaġa pożittiva li titnaqqas l-konġestjoni fi Triq Ġ. Borg Olivier, iżda mhux b'detriment għal toroq oħra li attwalment huma kwieti. Għalhekk Transport Malta ser tiġi żgwidata għaliex ser tingħata l-impressjoni li hemm *consensus* meta dan mhux il-każ. Skont il-minuti tal-laqgħat li seħħew, joħroġ ċar li l-GRTU, l-MHRA, il-komunita` kummerċjali, kif ukoll ir-residenti huma kontra l-arranġament kif spjegat fil-mozzjoni. Is-Sur J. Buttigieg staqsa għaliex ma sarux laqgħat oħra mal-GRTU u l-MHRA meta tpoġġew proposti ġodda fuq il-mejda. Huwa kompla jgħid li għalkemm emfasi kien fuq dawn iż-żewġ toroq, l-effett ser ikun iktar mifrux għaliex toroq oħra li huma 'l bogħod, bħal Triq San Ġużepp u Triq Santa Marija, ser jintlaqgħtu wkoll. Minħabba l-impatt wiesgħa tal-miżuri proposti, Transport Malta għandha titlob *Traffic Impact Assessment* qabel tiddeċiedi dwar is-sottomissjonijiet li jsiru mill-Kunsill.

12.10. Is-Sindku kkummenta li huwa minnu li l-MHRA kienet kontra l-proposti oriġinali, iżda meta l-affarijiet inbidlu bi Triq Ġ. Borg Olivier tibqa' *two-way* għal karozzi tal-linja u *one-way* 'l isfel għat-traffiku l-ieħor, ir-rejazzjoni tagħhom kienet differenti. Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-MHRA kellhom riżervi fuq l-ewwel proposta li Triq Ġ. Borg Olivier tiġi *one-way* 'l isfel għall-vetturi kollha, inkluż il-karozzi tal-linja. L-opinjoni tal-GRTU hija fil-fatt riflessa fil-mozzjoni mressqa. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-obbligi bħala Kunsill twettqu b'mod rigoruż fejn tidħol konsultazzjoni u issa wasal il-mument li tittieħed id-deċiżjoni fl-interess tal-ġid komuni.

12.11. Il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li t-tielet paragrafu tal-mozzjoni għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:

> *"Il-Kunsill jirriżolvi li wara illi jsir Traffic Impact Assessment, Transport Malta għandha tintalab tikkonsidra l-introduzzjoni għal żmien ta' prova fuq perjodu ta' erba' xhur, l-arranġamenti segwenti:".*

12.12. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg. L-emenda m'għaddietx bit-tliet voti favur u erba' kontra.

12.13. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li l-mozzjoni ma' tagħmel ebda aċċenn dwar l-effetti negattivi li jirriżultaw fl-inħawi ta' Triq is-Santwarju u Ġnien Ingraw, partikularment bit-tniġġiż kkawżat mid-dħaħen u l-ħsejjes tal-vetturi.

12.14. Is-Sindku R. Cutajar ressaq il-mozzjoni bl-emenda tal-Viċi Sindku, approvata aktar qabel. Din għaddiet b'erba' voti favur u tlieta kontra, wara li ġiet issekonda mill-Kunsillier P. Cutajar.

## 13.1. Sistema tal-Elettriku fi Ġnien Dun Anton Debono (P/4/24)

13.2. Is-Segretarju fakkar f'applikazzjoni li kienet saret mill-Kunsill sabiex tiġi ffinanzjara sistema ta' pannelli fotovoltaiċi għal Ġnien Dun Anton Debono, liema talba kienet ġiet milqugħa u s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali alloka €3,300 għal sistema li hija stmata li tiswa €7,000. Is-Sur C. Debono spjega li ma jagħmilx sens li jsiru l-pannelli meta l-installazzjoni hija difettuża minħabba li hemm *cables* taħt l-art mikulin mill-grieden. Attwalment qed ikun inutli li jinxtegħlu d-dwal għaliex is-*circuit breaker* tmur mill-ewwel. Fid-dawl ta' dan ikun għaqli li jinbidlu l-*cables* eżistenti u minflokom jsiru *armoured cables* u dwal ġodda. L-inġinera Galea Curmi Engineering Consultants stmaw dan ix-xogħol €48,900, filwaqt li s-somma vvutata fl-estimi 2011 kienet €15,000. In vista ta' dan, is-Segretarju ppropona li tiġi trasferita s-somma ta' €33,900 mill-vot tar-*Road Resurfacing* (7502), peress li fis-sena kurrenti mhux previst li jsir dan it-tip ta' xogħol fi Triq il-Kbira u Ġorġ Borg Olivier. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li d-dokumenti tal-offerti tal-pannelli u l-installazzjoni tal-elettriku huma lesti u tista' issir is-sejħa.

13.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa, filwaqt li awtorizza l-ħruġ tas-sejħa għall-offerti sabiex isir ix-xogħol.

## 14.1. Korsijiet organizzati mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ K/1/3

14.2. Is-Sindku għarraf li uffiċjal mill-Korporazzjoni msemmija għamel kuntatt miegħu sabiex jesplora l-possibilta` li jiġu organizzati xi korsijiet f'diversi suġġetti sabiex wieħed ma jkollux għalfejn imur fl-uffiċini tagħhom f'Ħal Far.

14.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta.

## 15.1. Proġett li jippromwovi l-Mellieħa bħala destinazzjoni turistika (T/12/3)

15.2. Is-Sindku għarraf li b'riżultat tal-Mellieħa EDEN Conference, bi sħab mal-bliet ta' Taigo u Kainuun Etu fil-Fillandja, li jiffurmaw parti mill-EDEN network saret proposta sabiex il-Mellieħa, flimkien ma' seba' destinazzjonijiet oħra tkun parteċipi fi proġett li:

- Joffri prodott fejn wieħed jista' jiskopri post mhux daqstant magħruf;
- Li t-turist jsir jaf sewwa u jinteraġixxi mal-ambjent tal-madwar;
- Joħloq sens ta' avventura;
- Motivazzjoni biex wieħed jiskopri iktar; u
- Motivazzjoni u pariri għal destinazzjonijiet alternattivi.

15.3. Is-Sindku kompla jispjega li dan il-proġett jikkonsisti f'diversi attrazzjonijiet turistiċi li fihom ikun hemm ħjiel li jgħinek timxi minn waħda għall'oħra u kull ħjiel f'diversi siti jwassluk biex ikollok it-tagħrif meħtieġ – *co-ordinates* – sabiex wieħed jiskopri t-teżor tal-EDEN minn dik id-destinazzjoni partikulari. Qed ikun propost ukoll li jinħoloq forma ta' passaport tal-EDEN, fejn dan jiġi akkwistat meta wieħed isib it-teżor. Minn jirnexxielu jimla l-passaport tal-EDEN kollu li jinkludi s-seba' destinazzjonijiet parteċipi jkun intitolat għal plakka esklussiva. Qed ikun propost li jinħoloq sit elettroniku li minnu jkun hemm aċċess għall-*Google Maps* flimkien mal-*co-ordinates* tal-GPS, fejn ikun hemm dettalji dwar fejn ikunu jinsabu l-ħjiel. Il-baġit tal-proġett jilħaq is-somma ta' €10.947, li 75% ikun iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u l-Kunsill irid joħroġ is-somma ta' €2,737. Din in-nefqa tkun tkopri l-ħolqien ta' sit elettroniku, attivitajiet u materjal promozzjonali, tliet laqgħat, tagħmir biex titkejjel id-distanza, kampjuni tat-teżor, mapep u 450 siegħa ta' xogħol minn ħaddiem tal-Kunsill.

15.4. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem fil-proġett.

**16.1. *JP2 Memorial Festival* – 2011 (A/5/3/5/Vol IV)**

16.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 51 tad-29 ta' Marzu 2011. Huwa qal li kien ikkuntattjat mill-ġdid mill-*JP2 Foundation,* illi issa qed jipproponu li jtellgħu festival korali internazzjonali fil-Bitħa tas-Santwarju nhar il-Ħadd 2 ta' Ottubru 2011. Il-programm għadu mhux finalizzat.

16.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li f'dan l-istadju huwa mportanti li jiġi stabbilit x'ser ikun l-inpenn finanzjarju tal-Kunsill.

16.4. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li fil-ġimgħat li ġejjin ser jingħataw aktar dettalji.

**17.1. Regolamenti dwar xorb alkoħoliku (L/6)**

17.2. Is-Sindku refera għall-Avviżi Legali 248 u 249 tal-2011 illi jemendaw l-Avviż Legali 119 tal-2002 (L.S. 441.04), kif ukoll ir-Regolamenti dwar il-Liċenżi tal-Kummerċ (L.S. 441.07). Ġie spjegat li l-istess regolamenti jipprovdu li:

- Xorb alkoħoliku ma jiġix servut fi fliexken tal-ħġieġ iżda f'tazzi ta' materjal bio-degradabbli jew tal-kartun; u
- L-istess regolament ma japplikax għal-liċenzi temporanji maħruġa taħt ir-regolamenti 9, 10 u 11 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsilli Lokali (L.S. 441.07)

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Ħlasijiet u ilmenti dwar kontijiet tal-elettriku u ilma (K/1/3)**

18.2. Is-Sindku għarraf li huwa kien ikkuntattjat mill-Kap Eżekuttiv tal-Automated Management Services Ltd (ARMS) li qed jistħarrġu l-possibilta\` li jagħtu s-servizz imsemmi permezz tal-istaff tal-Kunsill. Huma lesti li jgħaddu lill-Kunsill €0.35 għal kull kont li jitħallas sabiex ikopri dan is-servizz.

18.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-fatt illi l-ħlas tal-kontijiet, minbarra li jista' jsir fil-fergħa tal-posta li hemm qrib l-uffiċċju tal-Kunsill, jista' jsir ukoll permezz ta' *standing order* mal-banek, permezz tal-*credit card*, bil-posta jew bl-internet. Huwa qal li dan ser jitfa' piż addizzjonali fuq l-i*staff* tas-segretarjat.

18.4. Is-Segretarju kkummenta li għalkemm l-i*staff* tas-segretarjat jagħmel kull sforz biex ikun flessibbli ħalli jlaħħaq mal-proġetti li jidħol għalihom il-Kunsill u l-esiġenzi tal-lokalita\`, is-servizz mitlub jista' jġib miegħu nuqqas ta' attenzjoni lejn obbligi diretti mistennija minn Kunsill Lokali.

**19.1. Nuqqasijiet fis-servizzi mogħtija minn kuntratturi tal-Kunsill (K/6/1/Vol V)**

19.2. Is-Sindku għarraf li qed ikun hemm diversi lmenti minn residenti dwar it-tixtrid ta' likwidu mill-i*scammels* involuti fil-ġbir tal-iskart organiku mħaddma minn Velljo Services. Huwa qal ukoll li dakinhar tas-seduta, l-iskart dam sa wara nofsinhar ma jinġabar. Dwar dan, Velljo Services talbu skuża permezz ta' *e-mail* li ntbagħat ftit qabel, fejn intqal li l-ħaddiema ma rrappurtawx għax-xogħol minħabba li ma kienx possibbli għalihom li jiġu fil-ħin bil-karozza tal-linja minn Ħal Far. Huwa qal li dawn in-nuqqasijiet mhux aċċettabbli u nġiebu għall-attenzjoni tas-Sur Joseph Vella, operatur ta' Velljo Services.

19.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa qed jinnota nuqqasijiet anke mill-kuntrattur responsabbli mit-tindif ta' toroq rurali u dawk urbani. Bħala eżempju dan qed juża mezzi manwali f'toroq fejn suppost tintuża *mechanical sweeper*, filwaqt li diversi toroq qed jitħallew bil-ħaxix jikber fihom.

19.4. Is-Sur R. Cutajar qal li fl-aħħar jiem inħarġu numru ta' default notices liż-żewġ kuntratturi nvoluti. Huwa ppropona li l-Kunsill għandu jikkonsidra bis-serjeta\` li jintroduċi servizz ta' tindif fit-toroq ewlenin fil-ġurnata tal-Ħadd fid-dawl tal-fatt li jeżistu stabbilimenti li jiftħu f'dan il-jum.

## 20.1 Agia Napa Festival (K/1/5/4)

20.2 Is-Sindku għarraf li saret stedina mill-Kunsill Lokali ta' Agia Napa għall-Festival li jiġi organizzat ta' kull sena bejn it-22 u s-26 ta' Ottubru 2011. Fl-istess okkażjoni ser jittellgħa *stand* b'informazzjoni dwar il-Mellieħa. Il-Kunsill ta' Agia Napa offra l-akkomodazzjoni u l-biljetti tal-ajru għal tliet persuni.

20.3 Kien hemm qbil li għandhom jattendu s-Sindku R. Cutajar u l-Kunsillier J. Azzopardi.

## 21.1. Proġett *Let's Art* flimkien ma' żgħażagħ mill-Polonja (P/10/10)

21.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li ż-żgħażagħ illi ser jieħdu sehem f'dan il-proġett qatgħu l-biljetti tal-ajru u d-dokumentazzjoni meħtieġa ġiet mgħoddija lis-Segretarjat sabiex tingħata r-rifużżjoni ta' 70% tal-ispejjeż mill-baġit allokat fuq dan il-proġett mill-Programm YOUTH tal-Unjoni Ewropea.

21.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar il-kriterji li ġew addottati biex intgħażlu ż-żgħażagħ li ser jieħdu sehem.

21.4. Is-Sindku wieġeb li hija prattika normali f'dawn it-tip ta' proġetti illi tasal stedina bl-*e-mail* mingħand l-organizzatur u l-Kunsill jintalab iwieġeb fi żmien ġurnata jew jumejn, għaliex ikunu ser jgħalqu l-applikazzjonijiet. Għalhekk ma jkunx hemm żmien biżżejjed biex tingħata pubbliċita` ħalli jinstab in-numru ta' żgħażagħ li jkun stipulat fil-baġit tal-proġett.

21.5. Kien hemm qbil li jekk għallinqas ma jkunx possibbli li dawn it-tip ta' proġetti jingħataw pubbliċita`, ikun tajjeb li l-kunsillieri kollha jiġu m'għarrfa b'dawn l-opportunitajiet.

## 22.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2011 (A/5/3/5/Vol IV)

22.2. Is-Sindku ressaq abbozz tal-programm kif jidher hawn taħt:

| Il-Ġimgħa 9 ta` Settembru | |
|---|---|
| 19.00 | Ftuħ Uffiċjali Iljieli Melleħin 2011 f'Misrah iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Jippreżentaw is-serata: Donna Mercieca u Charles Saliba |
| 19.30 | - Serata ddedikata għall-emigranti u r-residenti barranin li jgħixu fil-Mellieħa.<br><br>– Attivita` fil-Pjazza tal-Parroċċa bis-sehem ta` xi artisti / preżentaturi barranin. Il-post ser ikun mibdul f`gallarija tal-arti / artiġġjanat fil-miftuħ li tinkludi ukoll l-kmamar tas-Santwarju. Is-Santwarju ser ikun miftuħ għall-pubbliku.<br><br>- Żona ddedikata ghat-tfal, ikel, bdiewa u raħħala f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa u fi Triq Ġorġ Borg Olivier. |
| 20.00 | Misraħ il-Parroċċa: Ftuħ minn Anabel Debono b'verżjoni ġdida ta' '*This is my Ho.me*'. Tnedija ta' *video games* minn kumpanija ġdida f'dan il-qasam - 'AV Technologies' – li hija bbażata fil-Mellieħa. Kunċert mit-*tribute band* Nru. 1 fix-xena internazzjonali tal-grupp The Beatles. |

| Is-Sibt 10 ta` Settembru | |
|---|---|
| 10.00 | Tnedija tad-dokument dwar il-Mellieha bħala lokalita` sostenibbli gewwa l-Maritim Antonin Hotel & Spa |
| 19.00 | Tkompli l-attivita` f`Misrah iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u fil-Bitħa tas-Santwarju. Fl-istess ħin tibda wirja ta` karozzi antiki tul Triq Ġorġ Borg Olivier |
| 19.30 | Grupp Folkloristiku Simar (Triq il-Kbira – Ġorġ Borg Olivier ) |
| 19.30 | Kant u żfin mit-tfal għat-tfal fin-naħa ta' fuq ta' Triq Ġorġ Borg Olivier. Tippreżenta Rosette Helledy |
| 19.30 | Palk fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq Adenau: Andrew Micallef fuq l-*accordian*, Shirley Heuller bil-*band* taghha u numru ta' kantanti li qed jiġu mgħallma mis-Soprano Adriana Fenech Yordanova u Corinne Turner. Jipprezentaw Ronald Briffa u Mireille Bonello |
| 19.45 | Wirja Spettakolari ta` *Offroading* fil-Pjazza tal-Parroċċa |
| 20.00 | Mużika Sagra u Kant Korali taħt il-kordinazzjoni tas-Sur Victor Cutajar fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Jippreżentaw Romina Borg u Jesmond Fenech |
| 21.00 | *Musical* Ħilitna (Philip Vella Big Band) fil-Bitha tas-Santwarju |
| **Il-Ħadd 11 ta` Settembru** | |
| 10.00 | Ftuħ tal-wesgħa bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida bil-partecipazzjoni tal-baned Melleħin |
| 11.00 | Ġirja bil-Muturi b`risq il-karita` minn membri tal-Korp tal-Pulizija |
| 12.00 | Iljieli Melleħin ikomplu fil-pjazez ewlenin tal-Mellieħa fil-ħin ta' wara nofs in-nhar kollu |
| 13.30(sa 16:00 hrs) | Kant u żfin minn Artemotion Dance Studio f'Misraħ il-Parroċċa. |
| 17.30 | Festival ta` kant għat-tfal ikkordinat minn Phylisienne Brincat fuq il-palm ta' Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq Adenau. Jippreżentaw Marilyn Grima u Clifford Galea. |
| 19.00 | Il-Kor tal-Orkestra Maria Bambina, mill-Għaqda Mużikali Imperial u mill-kor tat-tfal tas-Societa` Filarmonika La Vittoria fil-Bitha tas-Santwarju. Tippreżenta Anna Bonett |
| 19.30 | Kareoke u wara *mini show* minn *impersonator* ta' Elvis Presley |
| 19.45 | Siltiet mużikali bil-vjolin minn Simon Vella u wara kunċert Jamm fuq il-palm ta' Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq Adenau |

22.3. Is-Sur R. Cutajar qal li fl-edizzjoni li jmiss, bi ftehim mal-Kappillan Rev. Joe Caruana, kemm is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, kif ukoll il-Knisja Parrokkjali ser ikunu miftuħa għall-pubbliku. Min-naħa l-oħra, fil-Bitħa tas-Santwarju ser tindaqq biss mużika sagra jew klassika li tmur mal-ambjent tal-madwar.

22.4. Dwar it-*tribute band* tal-grupp The Beatles, is-Sindku qal li dawn jitolbu ħlas ta' €3,500 għal, liema somma ser isiru sforzi biex jinstab *sponsorship* bil-għan li jkopri din in-nefqa.

22.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

22.6. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li huwa importanti illi f'dan l-istadju l-jiġi stabbilit minn ser iħallas għas-servizz mogħti mit-*tribute band*, għar-raġuni li fi kwalunkwe każ irid jiġi stabbilit l-ammont ta' taxxa li jrid jitħallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mill-ammont mitlub.

22.7. Il-Kunsill qabel mal-abbozz li ġie ppreżentat, filwaqt li talab sabiex jiġu stabbiliti l-ispejjeż marbuta miegħu.

### 23.1. Imwejjed u siġġijiet fi Triq Adenau (T/4/10)

23.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fis-6 ta' Lulju 2011 daħlu rapporti dwar għadd ta' mwejjed u siġġijiet li tpoġġew fi Triq Adenau, qrib il-kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier. Is-Sindku stqarr li sar kuntatt immedjatament mal-*management* tal-Maritim Hotel Antonin & Spa sabiex dawn jitneħħew u l-ispażju jibqa' jintuża għall-ipparkjar.

23.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 24.1. Pubbliċita` dwar is-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

24.2. Is-Sindku għarraf li għat-tieni sena konsekuttiva bl-involviment tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ, qed issir kampanja edukattiva mal-kumpanija Green MT fl-Għadira. Din is-sena ż-żgħażagħ, minbarra li jqassmu fuljetti u jitkellmu mal-pubbliku, huma nkarigati mill-bdil tal-boroż tar-reċipjenti għall-iskart reċiklabbli.

24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 25.1. Servizz tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

25.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li qed ikun hemm ilmenti konsistenti mill-pubbliku dwar ir-rotot ewlenin Nru. 11 u 41 li t-tnejn qed jitħdlu Buġibba u joħorġu sal-Qawra fi triqthom lejn il-Belt Valletta. Kompla jgħid li din id-dawra qed ittawwal it-tul tal-vjaġġ b'mod esaġerat, filwaqt li qed iġġiegħel lil ħafna nies jużaw il-vetturi privati.

25.3. Is-Sindku qal li huwa jaqbel mas-Sur Azzopardi għaliex ma jkunx hemm ħtieġa ta' daqshekk traġitt bejn il-Mellieħa u Buġibba u għallinqas ir-rotta Nru. 41 għandha tgħaddi minn San Pawl il-Baħar u tiġbed mill-ewwel għal Burmarrad.

25.4. Il-Kunsill qabel li l-ilmenti kollha li jidħlu dwar is-servizz tal-karozzi tal-linja, imħaddem minn Arriva Malta Ltd, għandhom jinġabru sabiex jitressqu lill-Ministeru responsabbli mit-Trasport.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn l-1 ta' Awwissu 2011, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**